# PJAN TA' AZZJONI
# GĦAT-TIĠDID TA' L-INDUSTRIJA

PJAN LABURISTA BIDU ĠDID

LULJU 2006

# PJAN TA’ AZZJONI
# GĦAT-TIĠDID TA’ L-INDUSTRIJA

PJAN LABURISTA BIDU ĠDID

LULJU 2006

# Kontenut

Introduzzjoni : Fejn ninsabu? Fejn irridu mmorru? ................. 5
Daħla ........................................................................................ 10
Miżuri makro-ekonomiċi ........................................................... 13
Miżuri b' impatt immedjat ......................................................... 14
Miżuri b' impatt fit-tul ................................................................ 17
L-għodda istituzzjonali ............................................................... 20

# INTRODUZZJONI

Fejn ninsabu? Fejn irridu mmorru?

Pajjiżna jaf il-bidu tal-attivitajiet produttivi (magħruf aħjar bħala l-qasam tal-manifattura) lejn l-bidu tas-snin 60. Dak iż-żmien mal-25,000 Malti u Għawdxi kienu jafu l-ħobża ta' kuljum tagħhom lis-servizzi Ingliżi stazzjonati f'pajjiżna. Il-possibilità li dawn jispiċċaw minn dak l-impjieg, hekk kif pajjiżna jittermina l-ftehim li kellu mal-gvern Ingliż, ġelgħet lill-Gvernijiet differenti ta' pajjiżna sabiex iħarsu lejn alternattivi oħra. U dan għax telfien ta' daqshekk impjiegi f'daqqa kien joħloq problemi kbar għal pajjiżna, kemm finanzjarji kif ukoll soċjali. Minn hemm tlaqna sabiex nibdlu lil pajjiżna, minn dipendenza fuq il-bażi militari għal pajjiż jiddependi fuq ix-xogħol konness mat-turiżmu u l-industrija produttiva.

Għalhekk inħolqot il-*Malta Development Company* li allura ħejjiet il-*frame-work* sabiex noħolqu l-bażi neċessarja biex inħajjru investiment lejn pajjiżna. Għal snin twal, l-industrija f'pajjiżna pprovdiet eluf ta' impjiegi. B'investimenti kbar minn barra u minn Malta, twaqqfu fabbriki li pproducew varjetà wiesgħa ta' prodotti li nbiegħu barra xtutna u kien sors importanti ta' munita barranija. Kellna t-twaqqif ta' fabbriki kbar li mpjegaw il-mijiet ta' ħaddiema, u kellna wkoll ħafna ta' daqs iżgħar li mpjegaw magħhom ammont iżgħar ta' ħaddiema. L-industrija f'pajjiżna kienet sors importanti sabiex żgħażagħ tgħallmu snajja` ġodda ta' xogħol u teknika. U għenet sabiex is-soċjetà tagħna timmodernizza ruħha.

It-triq li ħadna kienet dik ta' industrijalizazzjoni għall-esportazzjoni bbażata l-ewwel nett fuq l-investiment barrani mħajjar lejn xtutna mhux biss iżda prinċipalment mill-pagi baxxi tagħna. Minkejja id-diffikultajiet ekonomiċi, soċjali u politiċi ta' dan il-mudell ta' żvilupp, din it-triq wasslitna ferm aktar il-bogħod minn pajjiżi oħra fir-reġjun tagħna u dan jidher ċar mill-fatt li f'dik li hi esportazzjoni ras imb'ras, Malta kienet dejjem fuq quddiem. L-esperjenza industrijali li bdiet fis-snin 60 u ħadet spinta kbira l-quddiem fis-snin 70 u 80, daħħlet kultura ta' produttività li sal-lum tiddistingwina minn kull soċjetà oħra fir-reġjun tal-Mediterran inkluż l-Italja t'isfel.

Tul dawn l-aħħar snin, rajna oqsma differenti tal-industrija f'pajjiżna li kienu ilhom stabbiliti għal ħafna snin, u fejn l-ispiza tax-xogħol kien fattur krucjali għalihom, sabu ma' wiċċhom kompetizzjoni kbira minn pajjiżi, fejn l-ispiża tax-xogħol hija ħafna orħos minn tagħna. Il-pajjiżi tal-Afrika ta' fuq, il-pajjiżi tal-Ewropa tal-Lvant, u ċ-Ċina saru aktar popolari mal-investitur fejn jiddetermina l-prezz baxx tax-xogħol. U ħafna azjendi li għalihom il-prezz tax-xogħol huwa determinanti, ġew rilokati f'dawn il-pajjiżi.

Kien hemm fatturi importanti li komplew ixekklu l-progress sabiex jissaħħaħ l-investiment f'pajjiżna. Investimenti f'teknoloġiji ġodda li setgħu jimmodernizzaw impriżi eżistentii jew jintroduċu impriżi b'teknologiji ġodda fejn l-ispiza tax-xogħol mhux daqstant determinanti, waqgħu lura. Kellna wkoll d-dħul ta' Malta fl-UE, u dan sab numru ta' impriżi mhux ippreparati jew imħejjija ħażin għall-bidla li seħħet. Min-naħa tiegħu l-gvern Nazzjonalista ftit li xejn ta importanza lill-industrija tal-manifattura, u mexxa l-programm tiegħu ta' sostenn industrijali b'nofs qalb u b'mod sparpaljat. Barra minn hekk, il-gvern Nazzjonalista ma ħax ħsieb iwettaq strateġija effettiva favur l-industriji kbar u żgħar, li diġà kienu joperaw fostna, u favur il-promozzjoni meħtieġa ta' industriji ġodda. Fl-istess waqt kellna s-sistema edukattiva tagħna li ma irnexxilhiex trawwem biżżejjed ħiliet tekniċi u maniġerjali li fuqhom seta' jitrikkeb investiment industrijali ġdid. Fil-fatt ir-riżultati li qed jikseb pajjiżna fl-istrateġija ta' Lisbona, jikkonfermaw kemm pajjiżna waqa' lura fil-miri mpoġġija mill-Unjoni Ewropeja biex jorbtu l-edukazzjoni xjentifika u teknoloġika mat-tkabbir industrijali. Il-gvern Nazzjonalista ma' weriex ruġu lest li jmexxi strateġija flessibbli imfassla skond il-bżonnijiet tal-azjendi industrijali. It-tmexxija tal-aġenziji responsabbli mill-promozzjoni industrijali u produttiva, waqgħet taħt strutturi amministrattivi u ministerjali li ma' kellhomx kordinament ġenwin bejnithom biex jgħaqqad fi ħdan politika industrijali waħda, miżuri maħsuba favur azjendi kbar u żgħar stabbiliti, u favur investiment ġdid fis-setturi kollha relevanti.

Il-piż tal-burokrazija minflok trażżan, baqa' jiżdied. Miżuri mħabbra għal darba tnejn għall-promozzjoni ta' investiment ġdid, bħal fil-każ tal-*Venture Capital Fund*, baqgħu fuq l-ixkaffa. Kirjiet ta' faċilitajiet industrijali nfirdu mill-aġenzija responsabbli mill-promozzjoni tal-investiment. L-istess nistgħu ngħidu għat-tmexxija u promozzjoni ta' proġetti ortikulturali u tal-artiġġjanat.

Il-kiri jew xiri ta' art u bini industrijali sar proċess twil li ma' jispiċċa qatt. Ġie suġġett ukoll għall-bidliet xejn raġonevoli tal-kundizzjonijiet li taħthom l-art jew il-bini kellhom jgħaddu għand l-industrijalist. Fejn ġew identifikati setturi ta' żvillup industrijali modern, bħal fil-każ tal-farmaċewtika, baqa' ma' sar xejn għal snin sħaħ, biex inizjattivi f'dawn is-setturi jingħataw aġevolament effettiv.

Għalhekk matul l-aħħar snin, rajna li r-rankatura li biha l-industrija tal-manifattura imxiet il-quddiem f'Malta, intilfet. L-investimenti ġodda nixfu għal kollox. L-impjiegi fis-settur naqsu. Il-prestiġju tal-industrija fost iż-żgħażagħ intefa'. L-esportazzjoni staġnat u naqqset.

Fis-sena 2001 l-impjiegi maħluqa fil-qasam tal-manifattura kienu jlaħħqu 22,004 (l-ogħla ċifra ta' impjiegi tul dawn l-aħħar 5 snin), li sas-sena l-oħra niżlu għal 19,049. Tnaqqis ta' kważi 13 fil-mija. Fis-sena 1995, l-ammont ta' ħaddiema fil-qasam tal-manifattura kien jammonta għal 30,569. F'Għawdex it-tnaqqis fl-impjiegi fis-settur tal-manifattura kien aktar qawwi. F'Jannar 2002 fil-qasam industrijali tax-Xewkija kien hemm 840 ruħ li l-impjieg tagħhom kien fis-settur. Erba' snin wara dawn kien ilaħħqu għal 375 ħaddiem biss. Tnaqqis ta' 55 fil-mija.

Id-dħul tal-ħaddiema li l-għajxien tagħhom jiddependi mill-impjieg fil-manifattura, fis-sena 2003 kien ilaħħaq għal Lm123.3 miljuni li naqsu għal Lm119.6 miljuni fis-sena 2005.

Anke fejn jidħol investiment komplejna naraw tnaqqis. L-ogħla livell ta' investiment tul dawn l-aħħar snin, kien fis-sena 2000 meta kien jammonta għal Lm75.9 miljuni. Is-sena l-oħra il-livell ta' investiment fil-qasam tal-manifattura kien ilaħħaq Lm 48.8 miljuni.

L-istess riżultati negattivi seħħew ukoll fejn tidħol esportazzjoni u bejgħ totali tal-manifattura. Il-bejgħ barra minn xtutna mis-settur ra' tnaqqis regolari sena wara l-oħra. L-esportazzjoni industrijali kienet laħħqet Lm 1,074 miljuni fis-sena 2000, li iżda niżlet għal Lm 802 miljuni fis-sena 2005. Il-bejgħ totali tal-manifattura Maltija naqas minn Lm 1,152 miljuni fis-sena 2000, għal Lm 947 miljuni fis-sena 2005.

Fl-aħħar snin assistejna għal xeni xejn sbieħ ta' ħaddiema li tilfu x-xogħol tagħhom u ta' ażjendi li ħabta u sabta għalqu l-bibien tagħhom. Dan ftit biss wara li kienu ngħataw l-assigurazzjoni mill-partit Nazzjonalista li x-xogħol tagħhom kien assigurat.

Bl-istqarrijiet li għamlu dwar il-futur tal-industrija, il-ministri tal-gvern Nazzjonalista xejn ma' għenu biex fost il-poplu tagħna titkattar il-fiduċja fil-futur tal-manifattura. F'Għawdex il-Ministru responsabbli qalet li l-pospetti li xi darba jerġa' ikun hemm fabbrika imdaqqsa fil-gżira Għawdxija kienu remoti. Ministru ieħor responsabbli mill-investimenti stqarr li lest jilgħab imħatra dwar kif f'għaxar snin kellhom josfru saffi sħaħ tal-fabbriki li għandna magħna sal-lum.

Huwa minnu li l-globalizzazzjoni, biċ-ċaqliq ma' jaqta' xejn li ġabet magħha, ta' investiment, xogħol u swieq minn tarf għall-ieħor tad-dinja, bidlet mill-qiegħ il-mod kif tista' topera l-industrija. Huwa fatt ukoll li l-ispiża tax-xogħol f'Malta hi tali li ma' nistgħux nikkompetu

fis-setturi li konna qawwija fihom snin ilu

Iżda l-attivitajiet produttivi mhux kollha jiddependu fuq il-prezz baxx tax-xogħol. U żgur li nkunu kompetittivi ma' għandux ifisser li nnaqqsu l-livell tal-ħajja tal-ħaddiema tagħna u l-familji tagħhom. Kif urejna fil-passat, għandna soċjetà li għandha l-potenzjal li taddatta ruħha għaċ-ċirkostanzi mibdula, u tilqa' għalihom.

Fil-fatt f'pajjiżna jeżistu eżempji ta' attivitajiet produttivi li ma jiddependux fuq il-prezz baxx tax-xogħol, iżda jiddependu aktar fuq il-ħila tal-ħaddiema mħarrġa għal xogħol speċjalizzat u produttivita aktar għolja u ta' kwalità għolja u l-innovazzjoni. Aħna tal-Partit Laburista nemmnu li l-qasam tal-attivitajiet produttiv għadu vitali għall-ekonomija ta' pajjiżna. Għalhekk jekk ngħarfu nikkonsolidaw qafas istituzzjonali xieraq għat-tmexxija industrijali, inkunu nistgħu nippromwovu aktar il-ħidma f'ċerti irqajja jew niċeċ ta' produzzjoni, oqsma li wara kollox jgħaddu għaċ-ċirkostanzi u t-talenti tagħna. Dan illum mhux qed jitwettaq.

Iżda trid temmen, kif wara kollox nemmnu aħna, li l-industrija għandha tibqa' wieħed mill-pilastri ewlenin fil-ħidma u inizjattiva biex pajjiżna jilħaq l-għanijiet ta' xogħol, ħarsien u dinjità għaċ-ċittadini Maltin u Għawdxin kollha.

Dan isir permezz ta' pjan ta' azzjoni li qabel xejn jitlaq minn stqarrija ta' fiduċja fil-futur tal-industrija tagħna. Dan il-pjan jitħaddem fi sħubija sħiħa bejn il-gvern u l-imprendituri kollha, żgħar u kbar, 'qodma' u ' ġodda', ta' rieda tajba, li jridu jaħdmu b'ħaddiema, teknoloġija u tmexxija minn Malta.

Dan il-pjan jikkonferma li l-Gvern ikun impenjat, bil-fatti u mhux bil-paroli, fit-tnedija ta' kull miżura li tista' tgħin lill-industrija. Pjan li mfassal skond iċ-ċirkostanzi ta' Malta llum,
bħala gżira zgħira fiċ-ċentru tal-Mediterran,
bħala membru tal-Unjoni Ewropea,
bħala pajjiż fejn huma l-ħaddiema u l-impjegati tiegħu li l-aktar jistgħu jagħmlu d-differenza meta niġu biex nikkompetu ma' ażjendi ta' pajjiżi oħra
bħala pajjiż li jemmen fil-ġustizzja soċjali u mhux fil-liġi tal-ġungla u għalhekk jistenna l-fabbriki u l-ażjendi industrijali tiegħu, jagħtu l-aħjar kondizzjonijiet ta' xogħol u għixien lill-ħaddiema Maltin u Għawdxin.

Dan il-pjan jagħti importanza kbira lill-ħtieġa li nappoġġjaw l-investimenti industrijali li diġà joperaw fostna, waqt li nippromwovu kull investiment ġdid u siewi li jitħajjar jersaq lejna. Il-pjan jimmira ukoll biex jiġbed lejna l-aqwa teknoloġiji industrijali, u hekk nagħtu merħba bla riżervi ta' xejn, lil kull bidla teknoloġika li titfaċċja, tiġi minn fejn tiġi. Il-pjan jitwettaq f'qafas

ta' strateġija għal żvillup reġjonali tal-gżejjer tagħna. B'din l-istrateġija, titwettaq ħidma wiesgħa ta' żvillup u ħarsien soċjali għal kull reġjun, li tippromwovi ħidmiet li jrendu ekonomikament, fir-rispett ta' bilanċ ta' żvillup bejn reġjuni differenti, u dan fir-rispett tal-ħarsien ambjentali. Dan hu pjan li hu flessibbli, realistiku u mrikkeb fuq sistema ta' tmexxija governattiva li tinżabar mill-burokrazija, mit-telqa u min-nuqqas ta' komunikazzjoni. Dan il-pjan jitfassal biex jilħaq miri li f'ħafna mill-każi, mhux ser iseħħu mil-lum għal għada. U dan għax nirrikonoxxu li hu aktar diffiċli fl-industrija, minn per eżempju fil-qasam tat-turiżmu, li tibdel is-sitwazzjoni minn staġun għall-ieħor. Għalhekk f'dan il-pjan għandna l-miri immedjati u l-miri li jistgħu jintlaħqu f'perspettiva aktar fit-tul.

Aħna tal-Partit Laburista ninsabu mhux biss fiduċjużi fil-futur tal-industrija Maltija (jekk tingħata ċans xieraq), iżda ninsabu konvinti li b'dan il-pjan li qed nipproponu, l-industrija tistejqer, terġa' tikber, u terġa' tkun sors ewlieni u interessanti ta' xogħol siewi u fejjiedi għaż-żgħażagħ Maltin u Għawdxin.

# 1.0 Daħla

## 1.1 Skop ta' dan il-pjan

Dan il-pjan għandu żewġ għanijet ta' l-istess importanza, wieħed immedjat u l-ieħor fit-tul.

L-għan immedjat huwa li jingħata bidu għall-proċess ta' ħarsien u salvataġġ tal-ekonomija produttiva ta' pajjiżna. B'hekk inwaqqfu t-telfien ta' postijiet tax-xogħol u nkattru aktar impjiegi produttivi. B'hekk ma' inħallux li l-kompetittivita tal-ħidmiet industrijali tagħna tibqa' nieżla 'l isfel kif qed jiġri bħal issa.

Il-proċess ta' salvataġġ jibda juri l-ewwel frott madwar sena mill-bidu tal-pjan. Dan jagħtina n-nifs li ninħtieġu biex invaraw it-tieni proċess, dak li jimmira għal riżultati li jinħieġ aktar żmien biex iseħħu.

L-għan fit-tul huwa ferm aktar ambizzjuż. Irridu nagħtu bidu għal proċess ta' tiġdid strutturali ta' l-ekonomija produttiva tal-pajjiż. It-tiġdid meħtieġ għandu jwassal biex il-kompettivita' internazzjonali tagħna ma tibqax dipendenti żżejjed fuq kemm jiswa' ix-xogħol (*cost of labour*) f'pajjiżna.

Pajjiż għandu żewġ għażliet dwar kif se jsostni il-kompetittività internazzjonali tiegħu. Jista' jipprova jipproduċi prodotti jew servizzi li għall-anqas joħorġu bl-istess prezz ta' pajjiżi oħra li jipproduċu l-istess affarijiet (u ta' l-istess kwalità). Qbadna dit-triq madwar 40 sena ilu u li – b'eċċezzjonijiet ferm importanti – mxejna matulha sal-lum.

Din it-triq ta' żvilupp wasslet għal kisbiet siewja ħafna. Ipprovdiet il-ġid li ppermettilna nkampaw minkejja l-għeluq tal-bażijet militari barranin. Daħħlet ukoll f'pajjiżna – speċjalment fost il-ħaddiema u impjegati (partikolarment in-nisa li ħarġu mid-djar biex jaħdmu fil-fabbriki) u ċerti saffi tal-klassi tan-nofs – kultura industrijali li tiddistingwi lill-Malta mit-territorji l-oħra tal-Mediterran ċentrali.

Filwaqt li jinħtieġ li nippreservaw dawn il-kisbiet u dan il-wirt – pedamenti ta' kull żvilupp futur – jinħtieġ nifmhu li dan il-mudell ta' żvilupp eżawrixxa l-potenzjal tiegħu għal pajjiżna.

Jinħtieġ li issa naqilbu għat-tieni mod ta' kif tkun kompetittiv: li nikkonċentraw fuq prodotti u servizzi li jinxtraw mhux għaliex huma l-irħas fil-klassi tagħhom iżda għaliex jipprovdu benefiċċi lix-xerrejja li dawn ma jsibux fi prodotti u servizzi oħra ta' l-istess faxxa ta' prezz. Il-proċess ta' tiġdid strutturali li bi ħsiebna nwettqu jaħseb biex idaħħal il-kundizzjonijet meħtieġa ħalli naqilbu għal mudell ta' żvilupp fejn il-mutur ta' l-ekonomija jkun immexxi mill-kwalità, milll-originalità u milll-innovazzjoni.

Dan ma jfissirx li ma jkunx hawn lok għal attivitajiet produttivi fejn il-prezz tax-xogħol huwa determinanti. Ma jistax ikun hemm ekonomija bbażata fuq attivitajiet li jirrekjedu biss riżorsi umani b'kapaċitajiet u kompetenzi sofistikati u xejn aktar. Lanqas ma' aħna nifhmu li l-prezz tax-xogħol se jitlef mill-importanza tiegħu għall-kompetittività tagħna - ħaġa li tgħodd anki għar-riżorsi umani bl-għola livell ta' edukazzjoni u taħriġ. Irridu niftakru li l-mezzi biex nwettqu dan il-programm, meta mqabbla ma' pajjiżi oħra li mexjin fl-istess direzzjoni – u aktar u aktar dawk li wasslu – huma limitati ferm.

## 1. 2 X'inhuma l-attivitajiet produttivi u għaliex irridu nkattruhom

**1.2.1** Għall-iskop ta' dan id-dokument, b'attivitajiet produttivi nifhmu dawk l-attivitajiet ekonomiċi li jaqgħu taħt dawn il-kodiċi NACE ta' l-Unjoni Ewropea:

B.5.02 "Fish farming"
CA.11.00 Limitat għal "service activities incidental to oil and gas extraction"
CB.14.40 "Production of salt"
D.0.00 "Manufacturing" kollu inkluż DN.37.00 "Recycling"
F.45.00 "Construction"
G.50.20 "Maintenance and repair of motor vehicles"
G.50.40 Limitat għal "maintenance and repair of motorcycles and related parts and accessories"
G.52.70 sa G.52.74 "Repair of personal and household goods", "Repair of boots, shoes and other articles of leather", "Repair of electrical household goods", "Repair of watches, clocks and jewellery"

I.0.00 Selezzjoni mill-qasam "Transport, storage and communication"
K.70.00 Limitat għall-iżvilupp u *management* ta' żoni u kumplessi fejn jsiru attivitajiet produttivi inkluż kiri ta' spazju fi ħdan dawn iż-żoni u kumplessi
K.71.00 Limitat għall-kiri ta' makkinarju u inġenji għall-użu f'attivitajiet produttivi
K.72.00 "Computer and related activities" eskluż il-wholesale u retail ta' kompjuters, software, komponenti u aċċessorji
K.73.00 "Research and development"
K.74.10 Limitat għal servizzi lill-impriżi li jagħmlu attivitajiet produttivi
K.74.20 sa K.74.85 Limitat għal servizzi lill-impriżi li jagħmlu attivitajiet produttivi
K.74.86 "Call centre activities"
M.0.00 Limitat għall-impriżi kummerċjali fi ħdan is-settur ta' l-edukazzjoni approvati mill-awtoritajiet kompetenti
N.0.00 Limitat għall-impriżi kummerċjali fi ħdan is-settur tas-saħħa inkluż il-veterinarja approvati mill-awtoritajiet kompetenti
O.90.00 Limitat għall-impriżi kummerċjali fi ħdan is-settur tal-ġbir u trattament ta' l-iskart, sanitazzjoni u attivitajiet relatati approvati mill-awtoritajiet kompetenti
O.92.11 "Motion picture and video production"

Din il-lista tkun tista' tinbidel (tittawal jew titqassar) skond ħtiġijiet amministrattivi u ekonomiċi.

# 2. 0 Miżuri makro-ekonomiċi

## 2.1 L-Ewro u l-Lira Maltija

L-Ewro għandha tiġi introdotta bħala munita nazzjonali biex inkunu qed napplikaw l-obbligi li ffirmajna għalihom meta Malta saret membru sħiħ tal-Unjoni Ewropea. Dan messu jitwettaq wara li tkun issaħħet l-ekonomija nazzjonali b'tali mod li tkun tista' tibbenefika bis-sħiħ mid-dħul tal-munita komunitarja.

## 2.2 Politika ta' kreditu li tiffavorixxi l-investiment produttiv

Gvern Laburista jevita li jnixxef l-offerta ta' kreditu permezz ta' self bla qies mill-gvern mis-sistema bankarja Maltija.

Il-Borża ta' Malta tingħata kull appoġġ xieraq biex tħajjar l-impriżi privati jirrikorru għaliha ħalli jsibu l-kapital meħtieġ biex jikbru.

## 2.3 It-tassazzjoni fuq id-dħul tal-kumpaniji fil-qasam ta' l-attivitajiet produttivi

It-tassazzjoni fuq id-dħul ta' l-impriżi tiġi riveduta 'l isfel, inkluż fuq il-qliegħ li ma' jiġix re-investit fl-impriża. Din tintrabat man-numru ta' impjegati *full-time* matul perjodu ta' mhux inqas minn tnax- il xahar qabel id-dikjarazzjoni tad-dħul.

# 3.0 Miżuri b'impatt immedjat

## 3.1 Twaqqif ta' kumitat b'parteċipazzjoni għolja għall-ħarsien ta' l- industriji li diġà jinsabu mwaqqfa fil-pajjiż

Hemm ħtieġa li l-industriji li ilhom imwaqqfa fil-pajjiż, speċjalment dawk fejn hemm investiment barrani, li wera matul is-snin li għandu impenn lejn Malta, jingħataw għarfien speċjali. Dan isir billi jitwaqqaf kumitat *ad hoc*, bil-parteċipazzjoni fih tal-Prim Ministru u tal-ministru responsabbli mill-industrija, li jitlaqqa' b'mod regolari. Fih jiġu indirizzati l-problemi li qed jiffaċċjaw dawn l-industriji u fejn jiġu diskussi l-proposti tagħhom biex ikunu f'qagħda aħjar ħalli jtejbu l-kompetittività tagħhom u ħalli jżidu f'ħidmiethom skond l-opportunitajiet li jinqalgħu. Dan il-kumitat ikun addizzjonali mal-konsultazzjonijiet regolari li Gvern Laburista jmexxi mal-Federazzjoni ta' l-Industrija u għaqdiet oħra li jirrappreżentaw l-impriża privata.

## 3.2.Skema għall-ingaġġ u t-taħriġ ta' ħaddiema qegħda

Jitwaqqaf programm immirat prinċipalment lejn min, fis-settur ta' l-industrija, jitlef xogħolu minħabba *redundancies* jew għeluq ta' fabbriki, lejn nisa b'esperjenza ta' xogħol fl-industrija li jixtiequ jerġgħu jidħlu lura għax-xogħol, kif ukoll lejn żgħażagħ li ma jistgħux isibu xogħol ieħor.

L-iskop tal-programm ikun prinċipalment li (a) jipprovdi xogħol għal min tilfu minħabba n-nuqqas ta' kompetittività tas-settur industrijali li fih kien jaħdem; (b) iħarreġ lil dawn il-persuni fi snajja` industrijali bażiċi; (c) jipprovdi lill-kumpaniji f'setturi fejn il-prezz tax-xogħol huwa fattur kritiku għall-kompetittività tagħhom, offerta flessibbli ta' xogħol temporanju.

## 3.3. *Task force* għat-tnaqqis tal-piżijiet fuq il-manifattura

Titwaqqaf *task force* bil-parteċipazzjoni tas-settur privat u tal-unjins, biex tiddetermina l-fatturi li qegħdin inaqqsu l-kompettività ta' l-industrija Maltija fis-swieq barranin minħabba taxxi, miżuri u proċeduri mmexxija mill-gvern u l-aġenziji tiegħu. Fi żmien sitt xhur, jitħabbru miżuri maħsuba biex inaqqsu u jneħħu minn dawn il-piżijiet.

## 3.4. Attivitajiet ta' 'restawr'

Titbaxxa r-rata tal-VAT fuq servizzi ta' restawr ta' djar u bini ieħor (b'restawr qed nifhmu kull tiswija jew titjib minn ġewwa u minn barra ta' bini privat u pubbliku inkluż spazji pubbliċi). Dan jeffettwa is-servizzi mogħtija minn bosta snajja`, fosthom mastrudaxxi, bennejja, kaħħala, żebbiegħa, tal-madum, ta' l-irħam, *electricians*, *plumbers*, tad-dranaġġ, ta' l-*aluminium*, tal-*waterproofing membranes* u oħrajn (il-parti l-kbira ta' l-attivitajiet taħt il-klassifika NACE F.45.00).

Barra minn hekk tiddaħħal miżura ta' tnaqqis ta' l-ispejjeż tar-ristawr mid-dħul taxxabbli tal-familji; u titwaqqaf skema ta' apprendistat fis-snajja` meħtieġa għall-ħidmiet tar-ristawr, kif ukoll inċentivi għal min idaħħal miegħu apprendist f'dan il-qasam.

## 3.5 Żoni industriali ġodda għall-impriżi iżgħar u mikro-impriżi

Jiġu mwaqqfa u konsolidati żoni industrijali għall-impriżi ż-żgħar madwar Malta u Għawdex fl-oqsma ta' l-artiġjanat, ħwienet żgħar ta' xogħol industrijali ta' tiswija u manifattura fuq skala ċkejkna, u fir-ristawr. Dan isir anki sabiex ħwienet tax-xogħol jiġu rilokati lil hinn minn żoni residenzjali.

## 3.6 Spejjeż ta' trasport

Tingħata attenzjoni prijoritarja għall-problema serja ta' l-ispejjeż ta' trasport intern u internazzjonali li jkollhom jiffaċċjaw l-impriżi li joperaw Malta kif ukoll il-problema ta' frekwenza limitata ta' ċerti rotot marittimi.

### 3.7 Spiża ta' dawl u ilma

Il-*capping* ta' l-ammonti li jridu jitħallsu minħabba is-*surcharge* jiġu riveduti biex jirriflettu ċ-ċirkostanzi differenti ta' impriżi kbar, medji, żgħar u tal-mikro-impriżi.

### 3.8 Il-problema tal-insularità doppja ta' Għawdex

Għawdex għandu problema  ta' insularità doppja li jinvolvi problemi ta' trasport u spejjeż żejda. Peress li sa l-2011 jrid jinqata` kull sussidju fuq transport bejn il-gżejjer, hemm bżonn li immedjatament isir studju dwar kif dan it-telf jista' jiġi kumpensat b'mezzi oħra.

# 4.0 Miżuri b'impatt fit-tul

### 4.1 Titjib fl-inċentivi għall-investimenti ġodda

Titwaqqaf *task force* permanenti ippreseduta mill-Prim Ministru, b'rappreżentanza governattiva u privata biex tagħmel proposti għal titjib fl-inċentivi u s-sostenn mogħti lill-investimenti ġodda fil-produzzjoni. Dan iwassal għal riforma sħiħa fil-*Business Promotion Act*.

### 4.2.1 L-oqsma industrijali tal-Gvern

Jitwettaq titjib sostanzjali fit-tmexxija u manutenzjoni ta' l-oqsma industrijali kollha tal-Gvern, biex ma tirrepetix ruħha l-qagħda tal-mistħija li ġab Gvern Nazzjonalista meta ftaħar li jrid jilqa' malajr fostna fabbriki tal-farmaċewtika u mbagħad sab li ma kellux fabbriki lesti u infrastruttura xierqa għalihom. Il-funzjonijiet tekniċi u amministrattivi ta' Malta Industrial Parks Ltd jerġgħu jiġu integrati fi ħdan *Malta Enterprise*. Jitħejja u jitwettaq pjan integrat ta' titjib infrastrutturali fl-oqsma industrijali tal-Gvern li jinkludi enerġija elettrika, ilma, drenaġġ, *management* ta' skart industrijali, telefonija, internet, trasport pubbliku u monitoraġġ ambjentali (dan jibda jitqies bħala element neċessarju ta' infrastruttura). Fil-proċess ta' pjanar u għoti ta' permessi għall-iżvilupp, proġetti ta' żvilupp industrijali mitqiesa bħala siewja, u li jkollhom ċerta importanza, jingħataw trattament preferenzjali, *fast track*.

**4.2.2** Jinbdew proġetti fi sħubija mas-settur privat, biex artijiet tal-gvern mal-baħar u qrib ir-*runways* ta' l-ajruport jiġu żviluppati għal proġetti li jkollhom valur miżjud għoli, fl-oqsma tal-bini u manutenzjoni ta' opri tal-baħar, *oil rigs*, ajruplani u *helicopters*.

**4.3.0** Bhala Partit Laburista nemmnu fil-vjabilita tat-Tarzna u fl-importanza tagħha għall-ekonomija ta' Pajjiżna. Għalhekk it-Tarzna tingħata kull sostenn u għajnuna possibli sabiex tibqa' tkun ċentru ta' snajja speċjalizzati għal xogħol li fih aktar valur għoli. Fl-istess waqt naraw li l-attivita marittima tkompli tissaħħaħ u tinferex aktar sabiex minbarra t-tiswija tal-vapuri u opri oħra tal-baħar li aħna rinomati għalihom, jiġu offruti servizzi anċillari oħra li huma kruċjali biex pajjiżna jsir a *one stop shop* għall-servizzi marittimi.

**4.4.0** Għalkemm f'pajjiżna hemm xettiċiżmu kbir dwar *mergers*, nemmnu li sabiex il- ħafna micro-imprizi li għandna, jibqgħu jeżistu u possibilment jikbru fid-dinja tal-lum, hemm bżonn li dawn l-impriżi żgħar ġejjin mill-istess qasam, jingħaqdu. Għalhekk fil-waqt li l-gvern iħeġġeġ sabiex dawn isiru, fl-istess ħin joffri għajnuna u inċentivi fiskali lil dawk l-intrapriżi żgħar li jiddeċidu li jingħaqdu u jftiixu swieq barranin ġodda.

**4.5.0** Illum l-industrija tal-produzzjonijiet ċinematografiċi tgawdi minn inċentivi u benefiċċji ħafna aħjar milli kienet tgawdi ftit ilu. Għax nemmnu li hawn lok li din l-industrija tkompli tikber ħafna aktar, intejjbu l-inċentivi u benefiċċji offruti llum sabiex ikunu daqs jew aħjar minn dawk offruti mill-kompetituri tagħna.

Fl-istess waqt tissaħħaħ il-malta Film Commission, u b'nies li għandhom *track record* tajjeb f'dan il-qasam, naraw li ntejjbu l-operat tal-istess Film Commission u jiġi mfassal pjan ta' kif nistgħu nattiraw aktar produzzjonijiet lejn pajjiżna. Fl-istess waqt jissaħħu l-inċentivi fuq makkinarju u apparat tant importanti għal dawn il-produzzjonijiet, li sal-lum għadu nieqsa f'pajjiżna.

### 4.6.0 It-tkattir ta' l-innovazzjoni

**4.6.1** Jitwettaq programm ta' promozzjoni indirizzat lejn operaturi ta' *science and technology parks* meqjusa bħala ċentri ta' eċċellenza internazzjonali fl-oqsma tagħhom biex jistedinhom iwaqqfu ċentri ta' riċerka, żvilupp u produzzjoni f' Malta u Għawdex fuq bażi ta' *private-public partnership*. L-Università ta' Malta u l-MCAST, kif ukoll universitajiet u istituti oħra barranin, jkollhom l-opportunità li jissieħbu f'dawn il-proġetti.

**4.6.2** L-Università ta' Malta u/jew/flimkien ma' Universitajiet barranin jiġu mħajjra jkollhom preżenza fl-oqsma industrijali, speċjalment fejn qed jiżviluppaw *clusters* speċjalizzati bħal dak tal-farmaċewtika ġewwa Ħal Far.

**4.6.3** L-MCAST jiġi mħajjar jkollu preżenza fl-oqsma industrijali għall-kooperazzjoni aktar mill-qrib mal-kumpaniji fi ħdan skemi li jirrekjedu sew taħriġ prattiku *in-house* fil-linja ta' produzzjoni partikolari sew taħriġ prattiku u teoriku aktar ġenerali li jmur lil hinn minn linja ta' produzzjoni partikolari .

**4.6.4** Jitwaqqaf fond ta' għajnuna finanzjarja għal dawk l-impriżi li jkunu qed imexxu proġetti ta' titjib teknoloġiku tal-produzzjoni tagħhom.

**4.6.5** Jiżdied it-*tax credit* għall-investiment fuq riċerka u żvilupp, u għall-ispejjeż ta' taħriġ u edukazzjoni għolja għall-impjegati tal-kumpanija benefiċċjarja.

**4.6.6** Tiddaħħal skema ta' inċentivi biex tħajjar banek u istituzzjonijiet finanzjarji oħra jwaqqfu skemi ta' *venture capital* jew assistenza oħra biex ikattru proġetti xjentifikament u teknoloġikament innovattivi f'setturi partikolari.

**4.6.7** Tingħata attenzjoni prijoritarja lit-titjib ta' l-edukazzjoni primarja u sekondarja bil-għan li din tkun ta' kwalità adegwata għall-proċess ta' rinnovazzjoni strutturali ta' l-ekonomija tal-pajjiż.

**4.6.8** B'konsultazzjoni sħiħa mal-inkwilini fil-*Crafts Village* Ta' Qali, jara' li x-xogħol imwiegħed għal ħafna snin, sabiex Ta' Qali verament isir ċentru għall-artiġjanat u snajja` Maltin, ikun jista' jitlaq bis-serjetà fl-iqsar żmien possibli.

# 5.0 L-għodda istituzzjonali

## 5.1 Inċentivi ġodda

Il-*Business Promotion Act* jiġi rivedut bil-għan li jidħlu inċentivi ġodda – kompatibbli mar-regoli ta' l-Unjoni Ewropea u tal-WTO – immirati biex niksbu vantaġġi kompetittivi mibnija fuq l-produttività, l-innovazjoni u l-kwalità.

## 5.2 Tisħiħ tal-*Malta Enterprise*

L-istruttura tal-*Malta Enterprise* m'hix adegwata għall-iskopijiet li nħolqot għalihom. Gvern Laburista jwettaq il-bidliet meħtieġa fi żmien sitt xhur mill-ħatra tiegħu sabiex tiġi msaħħa u razzjonalizzata il-*Malta Enterprise*. Dan sabiex tagħti aktar importanza lill-promozzjoni ta' investiment ġdid; lill-iffokar fuq għajnuna lill-industriji li diġà qed joperaw (b'rabta aħjar mal-promozzjoni ta' l-esportazzjoni); u lit-tneħħija artifiċjali bejn it-tmexxija ta' l-oqsma industrijali u t-tmexxija ta' politika li tinkoraġġixxi u s-ssostni industriji eżistenti. L-għan ewlieni tal-bidliet ikun biex il-*Malta Enterprise* topera verament bħala *one stop shop*, bil-fatti u mhux bil-kliem.

**5.3** Ikun hemm kooperazzjoni sħiħa fil-qasam tal-promozzjoni industrijali ma' l-ambaxxati u uffiċċji ta' Malta barra. Tingħata attenzjoni speċjali lill-korp tal-konsli onorarji bħala istituzzjoni li biha l-promozzoni ta' impriżi produttivi ġodda f'Malta tista` ssir aktar effettiva.

## Għeluq

Il-Partit Laburista jemmen bis-sħiħ li għad hemm futur għall-attività produttiva f'pajjiżna. Tul dawn l-aħħar 15-il sena, il-Gvern Nazzjonalista naqas mid-dover li jipprepara lill-*work-force* tagħna għall-bidliet li, inevitabilment riedu jseħħu, u dan minħabba s-sitwazzjoni fejn esperjenzajna telfin ta' impjiegi, f'settur fejn il-prezz baxx tax-xogħol għadu determinanti. Hawnhekk kellna ħaddiema li għal snin sħaħ ħasbu li l-impjieg li kellhom 5, 10 snin ilu ser jibqa' jeżisti. U kien minħabba l-fatt li ma ġewx imħajjra sabiex jitħarrġu fi snajja` ġodda f'setturi li kienu ser joħolqu l-impjiegi,  li llum ninsabu f'sitwazzjoni prekarja: fejn għandna ħafna żgħażagħ u persuni ta' ċerta età li m'humiex ippreparati għall-bidliet li seħħew fil-qasam tal-attività produttiva.

Dan il-pjan jaħseb sabiex b'mod meqjus, iżda fuq perjodu determinat, ikollna l-iskemi f'posthom sabiex ikollna persentaġġ kbir tal-*work-force* tagħna mħarrġa u ppreparata fis-snajja` li għandhom valur miżjud aktar għoli.

Dan il-pjan jaħseb ukoll sabiex ikollna l-għodda neċessarja sabiex inkunu nistgħu noffru kondizzjonijiet u inċentivi tajba biżżejjed biex inħajjru lejn Malta u Għawdex investiment ġdid li joħloq xogħol li mhux biss jirrendi aktar iżda jkun ta' sodisfazzjon akbar għall-ħaddiema tagħna.

Hekk biss nistgħu nibqgħu ngawdu lil dan is-settur tal-attività produttiva f'pajjiżna.